MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 124/2014

**BROINTERMED LINES LIMITED,** soċjeta estera reġistrata r-Renju Unit bin-numru uffiċjali 3545994 rappreżentata mill-mandatarju speċjali Avukat Louis Cassar Pullicino

vs

**POLIGATE LIMITED** (C-43533)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-11 ta' Frar, 2014, li bih is-soċjeta rikorrenti, kif rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' mitejn u sebgħa u ħamsin elf ħames mija u tnejn u disgħin dollaru Amerikan u sitta u għoxrin ċenteżmi ($US257,592.26) li, skond ir-rata ta' kambju viġenti, iġġib is-somma ta' mija u sebgħa u tmenin elf, seba' mija u tnejn u erbgħin euro u tnejn u tletin ċenteżmi (€187,742.32) li tirrapreżenta l-import ta' stalliji dovuti mill-istess kumpannija mħarrka lill-kumpannija attriċi minħabba dewmien ta' ħatt ta' kontejners f'portijiet fil-Libja minn fuq il-bastiment *M.V. Sirte Star V 792*;

Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata;

Rat in-Nota mressqa f'isem l-istess kumpannija mħarrka waqt is-smigħ tal-lum li bih ammettiet it-talba attriċi kif imressqa;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati, u fuq ammissjoni tal-kumpannija mħarrka;

Il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-kumpannija imħarrka biex tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' mija u sebgħa u tmenin elf seba' mija u tnejn u erbgħin euro u tnejn u tletin ċenteżmi (€187,742.32) rappreżentanti l-import ta' stalliji kif fuq imfisser, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma, b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2014, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3. Tikkundanna lis-soċjeta mħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------